# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Ritienne Gauci)

(Spettur Andrew Borg Bonello)

vs

Svetlana Sammut

Raymond Cauchi

Illum 14 ta' Marzu, 2023

Il-Qorti

Rat li l-imputati Svetlana Sammut 34 Sena bint Raymond Bonnici u Josephine nee Caruana mwieled Pieta'fil-18/11/1987 u resident gewwa 37, Flat 3, Triq Emannuel Perren Gharghur, ID 519287 u Raymond Cauchi ta' 61 sena iben Vincent u Angela nee Azzopardi mwieled Hamrun fit-2/01/1961 u residenti gewwa "Homeland Court", Blk A Flat 5, Triq San Frangisk, Balzan jew "Manor Court", Blk G Flat

7A, Triq il-Maskli, San Pawl il-Bahar ID  43161(M) tressqu quddiema akkuzati talli :

Fl-4 ta' Mejju 2022 kif ukoll fil-jiem u l-gimghat precedent fixkiltu lil kwerelant Matthew Sammut fil-pussess ta' hwejgu bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Artikolu 85 tal-Kap 9, Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Rat li fl-14 ta' Marzu, 2023, hadd ma kien interessat fil-kas u stante li dawn huma proceduri ta' natura sommarja ghalqet il-provi.

**Ikkunsidrat**

**Matthew Sammut,** xehed fl-14 ta' Marzu, 2023:

Avu: Mela Sur Sammut jekk jogghbok tard din is-sena ghamilt rapport lil pulizija tiftakar meta ghamiltu u fuqiex ghamiltu?

Xhud: Jiena ghamilt ir-rapport ghall-habta jekk mhux sejjer zball l-ewwel gimgha ta` Mejju ghall-habta l-ewwel gimgha ta` Mejju ta` din is sena 2022.

Avu: U ghamiltu fil-konfront ta` min?

Xhud: Ghamiltu fil-konfront ta` Svetlana umbaghad ovvjament hargu mill-affarijiet l-ohra li kien hemm Raumond Cauchi involut.

Avu: U dawn l-individwi li semmejt qed tarafhom hawnekk?

Xhud: Iva.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputati Raymond Cauchi u Svetlana Sammut.

Avu: Spjega ix-xahar ta` Mejju fil-perjodu li semmejt fuqiex ghamiltu r-rapport jekk jogghbok?

Xhud: Dan basically jiena ghall-habta ta` April kien hemm rapport fuqi li fuq kaz iehor li jien spiccajt anka ghamilt xi zmien taht arrest dan basically jien u sejjer ghall-arrest il-Qorti ghaddejt xi affarijiet personali lil kollega tieghi Bernard Curmi biex johodhom ghand ommi dan umbaghad ovvjament wara li jien,

Avu: Ha nwaqqfek ftit mela il-mama tieghek x`jisimha jekk jogghbok?

Xhud: Theresa Sammut.

Avu: U dawn l-affarijiet li inti ghaddejt lil Bernard tiftakar x`kienu?

Xhud: Kien hemm xi cwievet lazz ta` tracksuit arlogg,

Avu: U l-ghamla ta` l-arlogg?

Xhud: Arlogg Rolex.

Avu: Sewwa ghaddejthom lil Bernard biex Bernard jaghddihom lil ommok, ok x`taf li garaminn hemm il-quddiem?

Xhud: Jiena umbaghad meta hrigt tlabt l-affarijiet tlabt lil Bernard u minn naha ta` ommi ghax jien ma kontx qed nersaq l`hemmekk u ma riedx nersaq l`hemmekk biex irritornati l-affarijiet u hemmekk il-mama u Bernard indikaw li dawn l-affarijiet mhux dawn l-affarijiet mir-remote lazz u l-affarijiet gew irritornati biss l-arlogg ma giex irritornat ma l-affarijiet l-ohra apparti minn hekk ukoll.

Qorti: Minix qed nifehm jiena mhux inti tajthom lil Bernard dawn l-affarijiet?

Avu: Mela dawn l-affarijietgew mghodija lil Bernard minn hemmekk il-quddiem Bernard x`ghamel bihom dawn l-ogetti?

Xhud: Bernard ghaddihom lil mama tieghi.

Avu: Umabghad minn hemmekk il-quddiem x`gara b`dawn l-ogetti ommok x`ghamlet?

Xhud: Ommi b`dawk l-ogetti li ma kien hemmx valur fuqhom thallew ghand ommi il-bicca l-ohra ommi indikat li kienet marret Svetlana u hadet u kienet talbitha l-arlogg.

Qorti: U Svetlana x`tigi minnek?

Xhud: Il-mara tieghi.

Avu: Issa dan l-arlogg kien hemm xi tentattivi minn naha tieghek jew minn naha tal-avukati tieghek biex jigi rritornat?

Xhud: Iva kienu tkellmu ovvjament jiena god-dar kelli bzonn il-passaport u l-affarijiet certu affarijiet ohra minn god-dar kien qed isir komunikat bejn l-avukati tieghi,

Qorti: Id-dar x`dar hi?

Xhud: Mela d-dar tieghi mid-dar fejn kont noqghod.

Qorti: Matrimonjali?

Xhud: Iva.

Qorti: Orajt x`gara umbaghad?

Xhud: Ovvjament bdew komunikazzjoni ghax biss biss kelli bzonnha anka l-passaport mid-dar biex niddepozitah gewwa l-Qorti bdew isiru tentattivi biex jigiu irritornati certu affarijiet kien hemm xi afarijiet li gew irritornati ezempju deheb gie irritornat parti minnu ma giex irritornat kollu il-passaport gie wara certu tentattivi ukoll,

Qorti: Raymond Cauchi missierha jew partner?

Xhud: Misserha, biss dan l-arlogg u affarijiet ohra ma gewx irritornati bhal deheb.

Qorti: Mela fid-dar matrimonjali min qed joqghod?

Xhud: Bhalissa issa hadd.

Qorti: Dak iz-zmien?

Xhud: Dak iz-zmien kienet toqghod Svatlana.

Qorti: Wahedha?

Xhud: Mat-tfal.

Qorti: U int kont qed toqghod fejn?

Xhud: Jien kelli nirrisjedi Had-Dingli.

Qorti: Ok mhux m`ommok?

Xhud: Le, ghax toqghgod go l-istess blokka ommi.

Qorti: Fthemna komplu.

Avu: Mela ommok toqghod go l-istess blokka u kien hemm dan l-incident qed tghid fejn Svetlana marret ghand ommok,

Xhud: Iva.

Avu: U ommok dak in-nhar x`ghamlet erga ghid ghax forsi mhijiex cara?

Qorti: Qed jghid ghax ovvjament mhux prova ghax detto del detto u ha tixhed ommu, mela inti irrizultalek li l-arlogg ma baqax ghand ommok u ommok qaltlek li taghtu lil Svetlana?

Xhud: Ezattament,

Avu: Gara xi haga ohra minn hemmekk il-quddiem taf xi haga ohra int dan l-arlogg fejn setgha spicca?

Xhud: Le hi kienet indikat l`ommi imma x`jghidulu li ghaddietu lil missierha u ovvjament jien kont ghamilt update fuq ir-rapport.

Avu: Li jismu?

Xhud: Raymond Cauchi.

**Bernard Curmi,** fis-7 ta' Dicembru 2022 ghazel li ma jixidx sabiex ma jinkriminghax ruhu.

**Teresa Sammut** fis-7 ta' Dicembru 2022_xehdet hekk

Avu: Mela ara Tessie jekk jogghbok iktar kmieni din is-sena Ibnek Matthew Sammut ghamel rapport il-pulizija fejn kellek xi involviment inti tiftakar dan l-involviment x`kien?

Xhud: Iva eha gie ihabbatli l-bieb certu wiehed Raymond,

Avu: Le le mhux fuq dak l-incident fuq incident l-iehor fuq tal-oggetti.

Xhud: Eee iva dik giet Svetlana nizlet tiehu kikkra kafe.

Qorti: Svetlana qed tarafha hawn gew?

Avu: Svetlana Sammut.

Qorti: Qed tarafha haw gew?

Xhud: Iva hemmekk.

Qorti: Ix-xhud indikat lil imputata.

Avu: Qed taraf lil xi hadd iehor appartilil Svetlana Sammut?

Xhud: It-tifel uu.

Avu: Hemm xi hadd iehor apparti it-tifel hdejn Svetlana Sammut?

Qorti: Dottore ma tistax,

Xhud: Ehe Raymond,

Qorti: Mela ix-xhud indikat lil imputata Svetlana Sammut u lir-Raymond Sammut.

Avu: Tiftakar meta kien dan Tess?

Xhud: Lejn l-ahhar t`April qisu,

Avu: U x`ghamlet meta Svetlana nizlet ghandek?

Xhud: Qaltli ghandekx l-arlogg tat-tifel, ghedtilha iva u qaltli tijuli u tajtulha uu.

Avu: L-arlogg gie mghoddi lilha?

Xhud: Ehe.

Qorti: X`arlogg hu?

Xhud: Rolex.

Qorti: U kif gie ghandek?

Xhud: Gabuli certu wiehed x`jismu Bernard.

Avu: Min hu Bernard?

Xhud: Bernard Curmi il-foreman tat-tifel.

Avu: U talbitek xi affarijiet ohra apparti l-arlogg Rolex?

Xhud: Le.

Avu: U qaltlek x`ha taghmel bih dan l-arlogg fejn ha tiehdu?

Xhud: Le qabdet u haditu umbaghad meta hareg it-tifel qalli ghidilha ittini l-arlogg qaltli l-arlogg tajtu l-missieri qaltli inti tindahalx go fiha din il-bicca xoghol.

Avu: U missierha min huwa?

Xhud: Raymond Cauchi.

Avu: U dan Raymond Cauchi qed tarah f`din l-awla jekk jogghbok?

Xhud: Ehe.

Qorti: Fejn hu? ix-xhud indikat lil imputat Raymond Cauchi.

**<u>PS 1021 Christian Cauchi</u>** xehed dwar l-investigazzjoni tieghu permezz ta' affidavit.

## Ikkunsidrat

Illi fl-udjenza tal-14 ta’ Marzu, 2023 il-Qorti kienet kostretta li taghlaq il-provi hi stante li hadd ma kien interessat li jressaq aktar provi. F’dan l-isfond ma intlahaqx fil-fehma taghha l-livell ta’ provi rikjesti fil-Ligi sabiex tasal ghal xi konkluzjonijet ta’ x’fattwalment gara fis-16 ta’ Mejju 2022.

**Decide**

Ghaldaqstant ghal dawn il-mottivi kollha ma ssibx lil Svetlana Sammut u Raymond Cauchi hatja ta’ l-ebda wahda mill-imputazzjonijet u konsegwentement tilliberhom minn kull htija u piena.

**Dr Yana Micallef Stafrace LL.D.**

**Magistrat**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**